Kelmtejn Mill-Caritas Malta Epilepsy Association

Tel: 23402845, 21436442, 21233933 email: janet.mifsud@um.edu.mt
Fax: 21320281 zenit@onvol.net

Kelmtejn mill-President

Fil-laqgħa Ġenerali 2006 li saret fl-14 ta' Lulju ġie maħtur il-kumitat ġdid, li fis-sentejn li ġejjin għandu jaħdem għall-iskop principali biex l-epilessija toħrog aktar fil-beraħ u jgħin lill dawk li għandhom din il-kundiżjoni u l-familji tagħhom.

Il-kumitat ta' qabel kien beda jaħdem fuq proġett ta' kampanja għal għarfien tal-epilessija fil-qasam ta' l-edukażżjoni. Il-ħsieb kien li jsir pakkett ta' informzzjoni u jitqassam fl-iskejjel biex l-għalliema jsiru jafu iżjed fuq l-epilessija u x'għandhom jagħmlu.

Għadhom qed isiru diskussjonijiet u arranġamenti fuq x'għandu jkollu dan il-pakkett u x'għandu jinkludi. Jekk xi ħadd jaħseb li għandu xi suġġeriment aħna dejjem lesti biex nilqgħu il-ħsibijiet tagħkom.

Laqgħa Ġenerali Li Ssir Kull Sentejn

Diġa għadna li f'Lulju kellna il-laqgħa Ġenerali li ssir kull sentejn. Waqt din il-laqgħa, Mario Dimech, l-President, irringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod għenu lil Assocjażżjoni tagħna w awgura li x-xogħol siewi li qed isir ikompli. Frank Portelli, (it-tezorier) ta rendikont tal-finanżi filwaqt li ppeżenta l-kotba finanzjarji biex min kien interessat seta' jarhom. Fl-aħħar Victoria Dimech, is-segretarja, tat rendikont ta' l-attivitajiet kollha li saru waqt dawn l-aħħar sentejn.

Waqt il-laqgħa il-kumitat ressaq możżjoni li għaddiet b'vot unanimu. Din kienet il-bidla fl-istatut fejn issa jintqal li fil-kumitat irid ikun hemm mhux inqas minn sitt membri u mhux aktar minn tmienja. Iż-żewġ membri bl-inqas numru ta' voti jkunu sotto kumitat u f'każ li wieħed mill-membri l-oħra jkollu jieqaf, jieħu postu dak bl-aktar voti mis-sotto kumitat. Wara l-votazzjoni l-membri tal-kumitat għas-sentejn li ġejjin huma:-

President:	Mario Dimech
Segretarja:	Victoria Dimech
Teżorier:	Frank Portelli
Membri:	Joe Camilleri, Manuel Camilleri, Connie Baker,
Sotto Kumitat:	Mandy Gravino Vella u Amanda Baker.

Filwaqt li nawguraw ħidma siewja lill-kumitat il-ġdid, ma nistgħux ma nirringrazzjawx lil dawk il-membri li kienu fil-kumitat l-ieħor u issa ma baqgħux, jigifieri Louis Vella, Matthew Attard u Alexis Borg.

L-10 Konferenża fuq l-Epilessija u s-Socjeta'

Il-C.M.E.A. kienet rappreżentata f'din il-konferenza bit-tema "Kwalita' ta' Ħajja Aħjar Għal Nies Bl-Epilessija" li nżammet f'Copenhagen id-Danimarka bejn 2 - 4 t'Awissu. Għaliha attendew 300 ruħ minn 45 pajjiż differenti, anki minn barra l-Ewropa. F'din il-konferenża ġew diskussi diversi suġġetti, fosthom:

Europa PAMs: programm għall-professjonisti allejati mal-medicina, fosthom nurses, social workers, psikologi, EEG technicians, teachers, facilitators etc.

Cognition and Epilepsy: Prof. Gus Baker tkellem fuq il-problemi li jistgħu jiltaqgħu magħhom persuni bl-epilessija minħabba l-accessjonijiet innifishom u t-trattament li jkunu jieħdu. Hu dokumentat li l-epilessija tista' toħloq konfużżjoni u nuqqas t'attenżjoni, dewmien fl-ipprocessar t'informazzjoni u problemi fil-memorja.

Vagus Nerve Stimulation: Dan hu trattament ġdid li qed jintuża minn min għandu l-epilessija difficli biex tikkontrollha. F'din l-operażżjoni jiġi mpjantat apparat żgħir fis-sider (li jixbaħ 'pace maker') u mqabbad mal-"vagus nerve" u b'hekk tkun ikkontrolla l-accessjoni b'impulsi elettrici żgħar. Bħall kull ħaġa oħra dan it-trattament jista' jkollu s-"side effects" ukoll u mhux fuq kulħadd ikollu effett.

Suġġetti oħra li ġew trattati kienu fuq AED (anti epileptic drugs); SUDEP (Sudden Unexplained Death re. Epilepsy); EUCARE Action Pack.

Il quddiem ikollna artikli fuq dawn is-suġġetti fin-"newsletters" tagħna.

Esperjenża

Din hi esperjenza ta' Connie Baker li għanda 47 sena li kellha l-ewwel accessjoni ta' l-epilessija meta kellha 10 snin. Connie miżżewġa u għandha żewġt itfal. It-tifla għandha 19-il sena u ta' 9 snin kella l-ewwel accessjoni wkoll. Illum t-tnejn li huma kkontrollati tajjeb bil-medicini.

Connie dejjem kienet tibża' tieħu sehem fl-isports minħabba il-kundiżżjoni tagħha. Kienu t-tfal tagħha li ħeġġewha tieħu sehem magħhom fl-"Special Olympics". Hi ddecidiet li tieħu sehem biex tagħmel kuraġġ lilhom u minn dak iż-żmien ħadet sehem f'diversi "fun runs" ta' diversi tulijiet. Issa diġa ilha sena u nofs tieħu sehem f'dawn l-attivitajiet.

Connie qaltilha li fl-attivitajiet ta' Special Olympics hemm iktar nies li għandhom l-epilessija imma xorta waħda jippartecipaw fl-isports. Hi tgħidilna li tixtieq tħeġġeġ lin-nies biex ma jħallux xi kundiżżjoni jew diżabilita taqtalhom qalbhom milli jippartecipaw f'attivitajiet bħal dawn.

Avviżi

Fl-aħħar ħarġa tan-newsletter konna semmejna li l-laqgħa li jmiss ser issir il-Gimgħa 8 ta' Settembru. Dik il-ġurnata tkun il-festa tal-Vitorja u għalhekk navżaw li minflok ser niltaqghu l-Ġimġħa 15 ta' Settembru 2006

L-aħħar laqgħa tas-sena 2006 tkun Il-Ġimġħa 10 ta' Novembru 2006.